MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Numru. 403/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Joseph Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Joseph Portelli** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 405981M u li ġie mixli talli fit-3 ta' Mejju

2015 għal-ħabta tas-1:30 hrs u fil-ħinijiet ta' qabel u / jew ta' wara ġewwa Trig il-Belt Valletta u ġewwa Triq il-Bajjada Ħal-Qormi u / jew f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe' :

1. id-delitt ta' serq aggravat minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LUC-163, minn ġewwa Triq il-Bajjada, Ħal-Qormi u f'dawn il-Gżejjer, ta bidu għall-esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Josephine Zarb u/ jew persuni oħra.
2. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt , u cioe' delitt ta' serq aggravat minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BAG-338, minn ġewwa Triq il-Bajjada, Ħal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer, <u>ta bidu</u> għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-ħin, u bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Pauline Debono u/ jew persuni oħra.

3. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe' delitt ta' serq aġġravat minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAQ-347, minn ġewwa Triq il-Bajjada,

Ħal-Oormi u f'dawn il-Gżejjer, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Joseph Mifsud u/jew persuni oħra.

4. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe' delitt ta' serq aġġravat minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni SRF-320, minn ġewwa Triq il-Belt Valletta, Ħal-Qormi u f'dawn il-Gżejjer, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Steve Farrugia u/jew persuni oħra.

5. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe' delitt ta' serq aġġravat minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ-021, minn ġewwa Triq il-Belt Valletta, Ħal-Qormi u f'dawn il-Gżejjer, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Mario Cassar u/jew persuni oħra.

6. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe' delitt ta' serq aġġravat minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBE-836, minn ġewwa Triq il-Belt Valletta, Ħal-Qormi u f'dawn il-Gżejjer, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Raymond Bugeja u/jew persuni oħra.

7. **Ġie akkużat ukoll** talli fix-xahar t'Awissu 2014 minn ġewwa 21, Triq il-Kummerċ, Birżebbuġia u f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' Ġojjelli liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż valur li jiskorri l-elfejn tliet mija, disa' u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37 Euro) u bil-lok li sar għad-detriment ta' Raimondo Gian-Michele Valletta jew persuni oħra.

8. **Ġie akkużat ukoll talli** nhar it-28 ta' Diċembru 2014 għal-ħabta ta' 1:00hrs minn ġewwa Triq San Frangisku Saverju, Birżebbugia u f'dawn il-Gżejjer, minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IAF 667, ikkometta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Josef Axisa u/jew persuni oħra .

9. **Talli** fix-xahar ta' Diċembru 2014 ġewwa Birżebbużia u f'dawn il-Gżejjer min ġewwa vettura tal-għamla Mercedes ikkometta serq

ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat, bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

10. **u aktar talli** sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali, b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

11. **Kif ukoll talli fl-istess, lok, ħin u ċirkostanzi** ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena priġunerija sospiża ghal-sentejn imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Carol Peralta b′sentenza ta' nhar it-12 ta' Frar 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat li matul is-seduta tal-4 ta′ Mejju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tisma′ l-provi f′dan il-każ u tirċievi d-dokumenti prodotti;

Rat li matul is-seduta tal-21 ta' Mejju 2015 l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Anthony Cutajar tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija kif ukoll pieni pekunjarji jew pieni alternattivi u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, kif ukoll li dan sar fil-parametri tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, din l-istess Qorti, wara li kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-digriet tagħha fejn hija kienet ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport dwar l-imputat ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat ir-relazzjoni ta' Gordon Grech preżentata minnu fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2015.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputat ammetta inkondizzjonatament għall-imputazzjonijiet kontestati lilu.

Illi mir-relazzjoni tal-Probation Officer Gordon Grech jirriżulta li l-imputat, li llum jgħodd wieħed u ħamsin sena, u li ġej minn familja eżemplari u li għandu xogħol onest u hu bniedem ħabrieki, wara li għalaq il-ħamsin beda jtiha għas-serq wara li sab ruħu f'diffikultajiet finanzjarji.

Dan huwa każ alkwantu insolitu għal din it-tipoloġija ta' reati u l-Qorti riedet tara għaliex dan ir-raġel, b'passat ta' ħamsin sena mingħajr ma

xellef difrejh mall-Ġustizzja, f'daqqa waħda beda jiddelinkwi. Ir-risposta tinsab fir-relazzjoni tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

Din il-Qorti rat il-kronoloġija ta' kif seħħew dawn is-serqiet u oħrajn li l-imputat għażel li jikkommetti fi spazju ta' għaxar xhur ċjoe bejn Lulju 2014 u Mejju 2015. Qrat ukoll l-interrogatorju li sarlu mill-Pulizija u l-mod ta' kif ikkopera mal-Pulizija billi anke kixef hu stess l-involviment tiegħu. Biss din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li jidher ukoll ċar li l-imposizzjoni ta' sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża ma ħallitx effett deterrent fuq l-imġieba tal-imputat li għażel li jerġa jiddelinkwi wara li ingħatat is-sentenza ta' priġunerija sospiża. Dan peress li wara dik is-sentenza l-imputat inqabad li kien wettaq diversi tentattivi ta' serq minn vetturi.

Mill-banda l-oħra jirriżulta kemm mill-interrogatorju tiegħu kif ukoll mir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation nominat li l-imputat beda jagħmel sforzi biex ibiddel ir-rotta ta' ħajtu u filwaqt li jżomm lilu nnifsu l-bogħod milli jerġa jiddelinkwi, jagħraf jamministra flusu aħjar.

Illi rat ukoll li r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-istess Probation Officer fis-sens li hemm lok li minbarra li jingħata pjan ta' kura adegwat, l-istess imputat ikun jista' jirrendi lura lis-soċjeta u jagħmel tajjeb għall-

ħsara kommessa minnu bl-azzjoni kriminali tiegħu billi minbarra li jkompli jitqiegħed taħt ordni ta' probation, jiġi wkoll ordnat sabiex jagħmel xogħol b'xejn fil-komunita' permezz ta' *combination order* filwaqt li l-piena ta' sena priġunerija sospiża tiġi estiża.

Din il-Qorti, wara li wieżnet iċ-ċirkostanzi tal-każ, u tqis li huwa qabel xejn meħtieġ li l-imputat mhux biss jagħraf ħtijietu, iżda jagħraf ukoll jibda jpatti għalihom b'mod konkret. Il-Qorti tħoss li kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ, il-piena suġġerita mill-Probation Officer hija waħda li tagħmel sens. Biss l-imputat irid jifhem li hemm limitu kemm il-Qrati jistgħu jagħtu lok lil persuna bħalu biex terġa tqum fuq saqajha u tbiddel ir-rotta. Irid jifhem sew li l-Qorti sejra tieħu dawn il-miżuri speċifikament sabiex (filwaqt li l-imputat irodd lura xi ħaġa lis-soċjeta bix-xogħol bla ħlas fil-komunita kif ukoll billi jieħu paċenzja jsegwi ordni ta' probation waqt li jkollu l-piena ta' sena priġunerija sospiża mdendla fuq rasu) huwa, raġel ta' 51 sena ma jitlifx ix-xogħol tiegħu u jispiċċa f'sitwazzjoni agħar milli jinsab fiha illum – tenut kont ta' kemm huwa diffiċli għal raġel li jkun qabeż il-ħamsin sena u li jkun ġie inkarċerat sabiex isib impjieg bi qliegħ diċenti u onest. Din l-eventwalita tkun tikkomporta riskju akbar fuq is-soċjeta in kwantu tirrendi aktar faċli r-reċidivita' tal-ħati u talimenta l-propensita' tiegħu li jerġa jtiha għas-serq.

Mill-banda l-oħra irid japprezza wkoll li jekk iżomm ix-xogħol tiegħu ikollu minn fejn iħallas id-danni li huwa għamel bis-serq tiegħu lill-vittmi ta' dawn ir-reati li bih fil-ħabs qajla jkollhom tama li jaraw sold minn dak misruq lilhom. Biss kwantu għal din il-Qorti kif komposta, wara dawn l-episodji ta' serq suġġetti għal din is-sentenza, jekk l-imputat jerġa' jiddelinkwi, piena ta' ħabs effettiv ma jkun jista' jeħlisielu ħadd – bil-konsegwenzi kollha li din iġġib magħha f'ħajtu.

***Deċide : -***

li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(c)(e)(f)(g), 267, 269(g), 270, 271(g), 279(a), 280(1), 282, 289 tal-Kodiċi Kriminali, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, qegħdha ssib lil Joseph Portelli, reċidiv f'delitti, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u bit-tama li l-pjan ta' ħidma mfassal mill-Probation Officer hawn fuq imsemmija ikun jista' jitwettaq b'suċċess, din il-Qorti mhix qegħda titratta mal-ħati bħala li huwa reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Minflok, u bit-tama li verament l-imputat jibda' ħajja ġdida l-bogħod mis-serq, u peress li hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, nonche tan-natura tar-reati kif ukoll tal-karattru tal-ħati jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll

ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta qegħda tpoġġi lill-ħati Joseph Portelli taħt ordni ta′ probation u servizz, fis-sens illi : -

(a) tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta′ *Probation* għal perjodu ta′ tliet snin millum b′dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Joseph Portelli jitqiegħed taħt is-sorveljanza t′Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u

(b) tqiegħed lill-istess Joseph Portelli taħt ordni ta′ servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f′dak il-post u b′dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-Qorti fissret lill-Joseph Portelli bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta′ probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma′ din is-sentenza u li f′każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma′ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f′każ li

jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Joseph Portelli.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Joseph Portelli kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa indikat li l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' trattament sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi u ta' amministrazzjoni għaqlija ta' flus li għandu u li qed iwasluh ukoll biex jiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' sena millum. Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-

konsegwenzi li l-ħati ikollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Inoltre, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, b'riferenza għall-aħħar imputazzjoni li tagħha instab ħati l-imputat u ċjoe li huwa wettaq ir-reati matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija lilu nhar it-12 ta' Frar 2015 minn din il-Qorti diversament presjeduta (is-sentenza preċedenti), din il-Qorti, qegħda tagħżel li ma tittrattax mal-ħati ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali u dan sabiex il-ħati, raġel ta' 51 sena, ma jitlifx ix-xogħol tiegħu u jispiċċa f'sitwazzjoni agħar milli jinsab fiha illum – tenut kont ta' kemm huwa diffiċli għal raġel li jkun qabeż il-ħamsin sena sabiex isib impjieg bi qliegħ diċenti u onest, kif ukoll sabiex mix-xogħol attwali tiegħu ikollu dħul biżżejjed mnejn iħallas id-danni li huwa għamel bis-serq tiegħu lill-vittmi ta' dawn ir-reati, li bih fil-ħabs qajla jkollhom tama li jaraw sold minn dak misruq lilhom. Din l-ordni qed issir ukoll in vista tal-fatt li jirriżulta li mhux ir-reati kollha li bihom ġie mixli u li għalihom ammetta l-ħati ġew kommessi matul il-perjodu operattiv tal-istess sentenza preċedenti stante li kienu l-imputazzjonijiet dwar it-tentattivi tas-serq li seħħew wara li ingħata lilu s-sentenza preċedenti. Iżda mill-banda l-oħra, sabiex il-Qorti tassigura li matul il-perjodu tal-ordni tal-*combination order* mogħtija l-ħati ma jaħsibx li dak li ġie kkundannat bis-sentenza preċedenti huwa maħfur u minsi, il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(b) qegħda tagħżel li tibdel l-ordni oriġinali fis-sentenza

preċedenti bis-saħħa tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali billi minflok il-perjodu hemm speċifikat, tibdel l-istess perjodu billi bis-saħħa ta' din is-sentenza, issa l-perjodu operattiv jiġi li jkun jiskadi mhux aktar tard minn erba' snin mid-data ta' din il-bdil bis-saħħa ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skont il-Liġi.

***Mogħtija illum id-29 ta' Lulju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------